MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CLAIRE-LOUISE STAFRACE**

Seduta tad-19 ta' Gunju, 2012

Numru. 303/2012

**Il-Pulizija**
**[Spettur Jesmond J. Borg]**

**vs**

**Carmelo Micallef**

**Il-Qorti,**
Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Carmelo Micallef detentur tal-karta tal-identita` numru 52468(M).

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer fis-17 ta' Gunju, 2012 u matul it-tlett xhur ta' qabel din id-data, gewwa Siggiewi kif ukoll f'diversi postijiet diversi madwar Malta;

1. ikkoltiva l-pjanta *Cannabis* bi ksur tal-Artikolu 8 (c) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. kellu fil-pussess tieghu l-pjanta Cannabis kollha jew bicca minnha bi ksur tal-Artikolu 8 (d) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga instabet f'tali cirkustanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

3. ikkommetta dawn ir-reati fi, jew gewwa distanza ta' mitt metru mill-parametru ta' skola, club, jew xi post simili fejn normalment jiltaqghu z-zghazagh bi ksur tal-Artikolu 22(2) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli matul dawn l-ahhar hames snin f'hinijiet differenti u f'diversi postijiet madwar Malta;

4. kellu fil-pussess tieghu l-pjanta Cannabis kollha jew bicca minnha bi ksur tal-Artikolu 8 (d) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija wkoll mitluba li f'kaz ta' htija barra milli tapplika l-piena skont il-ligi tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skont l-Artikolu 533 (1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-Ordni tal-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101);

Rat l-ezami tal-imputat li wiegeb hati ghall-akkuzi kif dedotti kontrih u l-konferma ta' tali ammissjoni wara li nghata z-zmien opportun sabiex ikun jista' jirregola ruhu;

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 8 (c) u (d) tal-Kap 101 u Artikolu 22 (2) tal-Kap 101 qed issib lill-imputat hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih, tikkundannah ghal sentejn (2) prigunerija u multa ta' elf Ewro (€ 1,000).

Il-Qorti finalment tirrakomanda lid-Direttur tal-Habs sabiex jaghti kull facilita` possibbli sabiex l-imputat jaqta' l-vizzju tad-droga hekk kif ivverbalizzat fis-seduta tal-lum.

Inoltre l-Qorti tordna d-distruzzjoni tad-droga kollha esebita illum mill-prosekuzzjoni.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------